**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DOTTOR CONSUELO SCERRI HERRERA LL.D. Dip. Matr. Can.**

**Rikors Nru.: 58/16**

**J. Zammit Ltd (C37945)**

**Vs**

**Muaiad Elgusbi u Irina Elgusbi u b'digriet tas-27 ta' Settembru, 2016 giet ordnata l-korrezzjoni f'isem il-konvenuta li ghandhom jinqraw Elgusbi Muaiad u Irina Muaiad**

**Illum 8 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici nhar is-16 ta' Marzu, 2016 fejn l-istess talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' hamest elef hames mija u sitta w tletin ewro (€5536) rapprezentanti bilanc dovut ghall-bejgh ta' vettura tat-tip Citroen C2 (kopja tal-ftehim immarkat JZ1).

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mis-6 ta' Novembru, 2013 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skont riferta posittiva tal-Marixxal John Francica datata 22 ta' Dicembru 2016, fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali u fl-ghassa tal-pulizija ta' Tas-Sliema kif ukoll fl-indirizz tal-konvenuti moghti fl-avviz (fol. 38 tergo).

Illi l-istess konvenuti gew notifikati b'din il-kawza wkoll permezz t'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-30 ta' Settembru 2016 (fol. 18) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent datata 27 ta' Ottubru 2016 (fol. 21).

Illi fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar, 2017, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2017 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-Avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef hames mija u sitta w tletin ewro (€5536) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez, u bl-imghax kummercjali mis-6 ta' Novembru, 2013 sad-data tal-effettiv pagament.**

Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Magristrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur